# Il-Viżta Pastorali tal-20 ta' Ġunju 1717 u l-Editt tal-25 ta' Mejju 1719 tal-Isqof Jacobus Cannaves

Jimmy Muscat

## Viżta Pastorali, 20 ta' Ġunju 1717

Meta nhar il-Ħadd 20 ta' Ġunju 1717 l-Illustrissimu u Reverendissimu Sinjur Frater Jacobus Cannaves, Isqof ta' Malta u Prijur tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, għamel Viżta Pastorali fil-Knisja Matriċi taħt it-titlu ta' Marija Divina tal-*Melleha*, huwa ħallielna ħafna tagħrif dwar l-istess Santwarju.

Isemmi li kien hemm l-obbligu li jitqaddsu għoxrin quddiesa fis-Sibtijiet matul is-sena u li tingħad l-Antifona "Salve Regina" bl-orazzjoni u s-Salmi "De Profundis" skont l-intenzjoni tal-mejjet l-Illustrissimu Sinjur Klawdju De Sales, Kavallier ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm.[1] Obbligi oħra kienu li jiġu ċċelebrati: fil-festi ta' San Ġwann Battista, jinxtegħel il-lampier fis-Sibtijiet u fil-festi matul is-sena, skont il-fondazzjoni li ħalla l-mejjet Ġirolamo Xerri min-Naxxar,[2] issir quddiesa letta fil-festa ta' Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann Battista, skont il-fehma tal-mejjet Sinjur Klement Scerri.[3]

Obbligu ieħor kien li tiġi ċċelebrata l-festa tal-Appostli Xmun u Ġuda, bl-għasar u l-kant lejlitha, u quddiesa letta quddiem il-kwadru miġjub minn dik il-knisja antika li kienet ipprofanata u li kienet iddedikata lill-istess qaddisin u li tinsab fl-istess limiti tal-Wardija.[4] Quddiem l-istess kwadru ta' San Xmun u San Ġuda għandha tiġi ċċelebrata quddiesa oħra u jinxtegħel lampier kull nhar ta' Sibt.[5]

Tagħrif ieħor mogħti f'din il-Viżta Pastorali jgħidilna li s-Santwarju kien jippossiedi ġardin b'diversi siġar u artijiet oħra quddiemu stess,[6] tliet mandriet flimkien fil-viċinanza tiegħu,[7] mandra żgħira qrib l-imsemmi ġardin,[8] biċċtejn art qrib il-baħar li waħda minnhom tmiss mal-art imsejħa 'Ta' Conflans'.[9] Jidher ukoll li dawn il-beni kollha kienu mogħtija qbiela lil Dumink Vella, servjent fis-Santwarju, bi ħlas fis-sena ta' 47 skud u 6 irbiegħi.[10]

Aktar tagħrif jgħidilna li s-Santwarju kellu dħul ta' 4 skudi u 6 irbiegħi fis-sena fuq art li qiegħda Wied Inċita, taħt Ħ'Attard,[11] 5 skudi u 6 irbiegħi oħra fuq l-art imsejħa 'Ta l-Ebuar' ukoll fil-kontrada ta' Wied Inċita.[12] Kellu wkoll id-dritt dominju tal-propjetà b'ċens ta' 30 skud fis-sena fuq djar fil-Borgo del Castello, il-belt ta' Għawdex[13] kif ukoll dħul ta' 5 skudi fis-sena mħollija



mill-mejjet Illustrissimu Sinjur Fra Klawdju de Sales bil-piż ta' 20 quddiesa fis-sena.[14]

## L-Editt tal-1719

L-Isqof Jacobus Cannaves kien devot kbir tal-Madonna tal-Mellieħa u, sforz l-imħabba li kellu lejn il-Madonna, sentejn wara, meta fis-Santwarju kien qiegħed isir ħafna xogħol biex jiġi rranġat u mkabbar ħalli jkun jista' jilqa' l-għadd kbir ta' pellegrini li dejjem kien qiegħed jiżdied, huwa ħareġ editt, jew amar. Kien nhar il-Ħamis, 25 ta' Mejju 1719 meta huwa ordna hekk:

**"Aħna li nixtiequ naraw jitlesta l-bini tal-Knisja Matriċi tagħna tas-Sinjura Tagħna *della Melleha,* fl-antik parroċċa, għandna xewqa kbira li din l-opra, mibdija b'tant u tant fervur, issir bl-akbar perfezzjoni, kemm fit-tkabbir tagħha kif ukoll fil-bini ġdid ta' diversi kmamar fil-viċin tat-tnejn ta' fuq, barra dawk ta' taħt li issa ġew irranġati għall-kumdità tan-nies li, bl-akbar ħniena reliġjuża, f'dak kollu li jkollhom bżonn kemm pubbliku kif ukoll privat, bla ma jaqtgħu xejn jirrikorru lejn dak is-Santwarju mirakoluż biex jaqilgħu mingħand il-Ħniena Divina grazzji ta' ġid għalihom. Mhux dak biss, iżda biex quddiem id-daħla tal-istess knisja, li diġà għandha forma ta' Clausura, issir pjanura jew pjazza mdaqqsa. U peress li ma nistgħux naqtgħu din ix-xewqa qaddisa tagħna mill-ġbir tal-elemożina mingħand il-fidili, minħabba l-faqar kbir tagħhom, għalhekk b'dan l-Editt tagħna qegħdin nordnaw li, nhar il-Ħadd li ġej fil-quddies**

**kollu, ir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi u Vigarji tal-knejjes kollha taħt il-ġurisdizzjoni tagħna, dawn għandhom bl-akbar fervur speċjali jirrakkomandaw lin-nies taħt il-ħarsien tagħhom li jagħtu elemożina abbundanti ta' qamħ, maħlut, xgħir, jew flus kontanti b'fiduċja qawwija li jirċievu mingħand Alla l-Imbierek bl-interċezzjoni tas-Santissima Ommu Marija Verġni l-ħlas li jixirqilhom. Għal dan il-għan kull arċipriet, kappillan, rettur u vigarju għandu jqabbad saċerdot addattat biex imur idur l-inħawi kollha biex bil-galbu u l-ġentilezza kollha jagħmel dawn il-ġabriet. Wara li jkun sarraf u biddel kollox fi flus kontanti għandu jikkonsenja kollox lis-saċerdot Don Gio Maria Bartoli, Prokuratur tal-istess knisja".**

**Maħruġ mill-Palazz Episkopali Tagħna fil-Belt Valletta, illum 25 ta' Mejju 1719[15]**

Żewġ dokumenti verament importanti għall-istorja tal-Mellieħa; l-ewwel wieħed għax jurina dak kollu li kien isir mil-lat reliġjuż u dak kollu li kien jippossiedi s-Santwarju 300 sena ilu, waqt li t-tieni jagħtina tagħrif importanti dwar it-tkabbir u l-iżvilupp tal-bini tal-kumpless tas-Santwarju. Infatti jurina eżatt meta nbnew il-kmamar tal-pellegrini ta' fuq li hemm faċċata tas-Santwarju fil-kjostru ta' ġewwa waqt li jgħidilna wkoll li l-kmamar ta' isfel, dawk li hemm fi Triq il-Marfa u li kienu jintużaw mill-pellegrini, kienu diġà jeżistu kif ukoll il-ħajt ta' fuqhom li kien jagħlaq il-bitħa quddiem is-Santwarju forma ta' kjostru. Dawn il-kmamar ġodda kienu qed jinbnew quddiemu u jinkorporawh bħala l-ħajt ta' wara tagħhom.

Ma ninsewx insemmu hawn li l-ħames loġoġ, li minnhom illum baqa' erbgħa, kienu nbnew madwar






l-1590. Id-dokument isemmi wkoll li għandha titwitta l-art quddiem id-daħla prinċipali tas-Santwarju, li dak iż-żmien kien għadu jasal sa fejn illum hemm il-kampnar, biex issir pjazza komda għall-kumdità ta' tant u tant pellegrini li kienu jżuru 'l-Madonna u għalhekk inħareġ l-editt biex jinġabru l-flus.

Għalhekk il-kitba hija sabiħa, għax tibqa', allavolja jgħaddi ż-żmien. Tibqa' tfakkarna dak li jkun għadda u minnha nkunu nisiltu tagħrif fuq dak li għaddew minnu dawk ta' qabilna ħalli nitgħallmu minnu.

**Riferenzi:**

1. Arkivju Parroċċa Mellieħa.13. f.70.kap.63
2. Ibid.kap.643. Ibid.kap.65
4. APM.13,f,71.kap.68
5. APM.13.f.72.kap.71
6. Ibid.kap.73
7. Ibid.kap.74
8. Ibid.kap.75
9. APM.13.ff.72-73.kap76. Fra Antonio de Conflans kien Kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann li kien ingħata dik il-biċċa art kbira mill-Università ta' Notabile fl-1651. Din testendi minn ħdejn iċ-ċimiterju militari sat-triq li tieħu lejn Popeye Village (ix-Xquq).
10. APM.73.f.73.kap.77
11. Ibid.kap.78
12. Ibid.kap.79
13. Ibid.kap.80
14. Ibid.kap.81
15. AAM.5514.Reg.Edict.v.5.1713-1721.f.143